MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-4 ta' Lulju, 2003

Avviz Numru. 825/2001/1

**HSBC Bank Malta Limited**

**vs**

**Kenneth Gafa'**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elfejn tmien mija u tmienja u sittin lira u disgha u sittin centezmu (Lm2868.69) rapprezentanti in kwantu ghal Lm1911.79 kapital u Lm135.34 imghax bi tmienja fil-mija sal-21 ta' Awissu 2001 flus mislufa lill-konvenut mill-bank attur taht loan account numru 054 0700800 300 (gia numru 54 801 3518) u in kwantu ghal Lm767.24 kapital u Lm54.32 imghax bi tmienja fil-mija sal-21 ta' Awissu 2001 flus mislufa mill-bank attur lill-konvenut taht loan account numru 054 0700800 301 (gia' 54 801 3836).

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mill-21 ta' Awissu 2001 sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-24 ta' Gunju 2003 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2868.69,0 bl-imghax legali mit-22 ta' Awissu 2001 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------